# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

LULJU 1937 ]    IS-SEBA' SENA    [ Għadd 77


## IRRIDU KOTBA IŻJED BIL-MALTI

Fil-għadd 27 ta'*Leħen il-Malti* (Mejju 1933) ktibna li l-qarrejja tal-Malti ma għandhomx f'idejhom kotba biżżejjed bil-Malti. Jixtiequ jaqraw iżjed imma din ix-xewqa minħabba n-nuqqas ta' kotba tajba bil-Malti tibqa mhix mitmuma. Il-qarrejja tal-Malti nistħajjluhom igħidulna: "Irridu kotba iżjed. Qrajna, tgħallimna, thennejna, imma ma xbajniex. Il-kotba b'ilsna barranin huma magħluqin għalina. Agħtuna kotba iżjed bil-Malti, biex fihom ruħna ssib il-mistrieħ tagħha."

Għaddew erba' snin u l-kotba bil-Malti kotru.

Iżda madankollu l-għajta għal kotba aktar bil-Malti għadha ma siktetx. "Irridu iżjed !" Fir-rapport tad-*District Circulating Libraries* għas-sena 1936--1937 naqraw; "B'sogħba ta' qalbna jkollna ngħidu li t-talba għal kotba bil-Malti, l-aktar fir-rħula tal-bgħid, sejra dejjem bla ma tieqaf iżda ma nistgħux nilqgħuha kif imiss, għaliex il-kotba bil-Malti, għalkemm kotru ħafna f'dawn l-aħħar snin, huma wisq anqas milli jitlob il-poplu."

Min ma jħossx qalbu tingħafas meta jara ħafna minn ħutu l-Maltin bil-ġuħ tal-qari li ma jistgħux itaffuh ? Minn għalina dejjem ħdimna kemm flaħna biex inxerrdu l-kitba tal-Malti, imma l-ħidma tagħna weħidna mhix biżżejjed. Jeħtieġ għajnuna oħra, biex kull min jiflaħ u kull min jista' jaħdem id f'id, u l-ħedma tkun aktar qawwija, aktar għammiela u aktar fejjieda.

U din il-għajnuna għalenija għandha tiġi minn tliet naħat:

The Royal University of Malta

1. *Dawk kollha li għandhom ħila bizżejjed għandhom jaħdmu fix-xogħol tal-kitba.* Jiġifieri: dawk kollha li għandhom tagħlim biżżejjed biex jistgħu jgħallmu l-oħrajn u li jafu jħaddmu bis-sengħa l-kelma Maltija għandhom jindaħlu għal dan ix-xogħol qaddis li jgħinu u jgħallmu 'l ħuthom b'kotba li jgħoddu għalihom. Rumanzi; Storja, drammi, poeżija, kollox jiswa għat-tagħlim tal-poplu.

2. *Il-Gvern għandu igħin il-kittieba li jaqtgħu qalbhom mill-ispejjes tal-istampa.* Hawn fostna qajla ssib ktieb li jinfeda, barra minn dawk il-kotba ta' sitt ħabbet fil-ġimgħa. Għalhekk min jitħajjar jikteb, maljar jaqta' qalbu. Il-Gvern, bit-tħabrik tas-Snr Laferla, Direttur tat-Tagħlim, qiegħed igħin ħafna l-kotba tal-Malti, u bis-saħħa ta' din il-għajnuna dal-waqt ikollna fl-idejn ħafna rumanzi mill-aħjar, barra minn xi kotba oħra stampati bi spejjes tal-Gvern. Inħajjru l-Gvern biex iniedi konkorsi oħra, biex aktar tikber u tirtaqam il-letteratura Maltija.

3. *Il-qarrejja għandhom igħinu l-kittieba billi jixtru l-kotba tagħhom.* Marda qalila hawn taħkem fostna, l-marda tax-xeħħa ta' ftit soldi kemm jiswa ktieb. Il-ktieb irriduh b'xejn; sitt soldi; jew xelin jew disa' rbajja narawhom wisq u l-ktieb ma nixtruhx. U mbagħad nonfqu wisq aktar minn daqshekk fil. . .ħmerijiet. X'qalb tibqa' fih il-kittieb meta wara xi sena jmur il ħanut u ma jsibx ħlief ftit xelini miġburin mill-bejgħ ta' ktieb li min jaf kemm ikun swielu xogħol ! Bi bruda bħal din il-letteratura ma tikberx!

Mela jekk irridu li l-kotba bil-Malti joktru jaħtieġ li kittieba qarrejja u Gvern jimxu flimkien id f'id, u jgħinu lil xulxin għalenija.